



Brussell, 3 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6449/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0356(NLE)

WTO 28
SERVICES 2
COASI 18

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 6125/1/20 REV 1	
Nru dok. Cion:	13313/18 WTO 265 SERVICES 63 COASI 250 + ADD 1-12
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam - Adozzjoni

1. Fid-19 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.
2. Fil-25 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.

¹ dok. 13312/18 + ADD 1-12.

² dok. 13313/18 + ADD 1-12.

³ dok. 6048/19 (ippubblikat fil-ĠU L 177, 2.7.2019, p. 1).

⁴ dok. 6051/19 + ADD 1-10.

3. Il-Ftehim mal-Vjetnam ġie ffirmat fit-30 ta' Ġunju 2019.
4. Fit-12 ta' Frar 2020, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ġie approvat mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) fl-14 ta' Frar 2020, u mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-26 ta' Frar 2020.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u kif tinsab fid-dokument 6050/19 + 6050/1/19 REV 1 (ga);
 - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
 - jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal din in-nota.